MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2011

Numru 463/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Ali Mohammed Hassan**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Ali Mohammed Hassan ta’ 27 sena, bin Mohammed Hassan u Fathija Abdalla, imwieled Palestina nhar l-10 t’Ottubru, 1984, u residenti 35, Triq il-Gendus, Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 46834A gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-gzejjer nhar is-6 ta’ Novembru, 2011, gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, kif ukoll fi tlett ijiem ta’ qabel din id-data, f’hinijiet differenti f’Malta, assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn

dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f’dawn il-gzejjer medicina (Cannabis Resin), bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni;

Bhala persuna li mhux impjegata fil-habs Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, minghajr l-awtorita’ legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f’xi parti tal-konfini ta’ Habs xi oggett, ikun li jkun, li huma pprojbiti skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dawk barra minn xi habs, u dan bi ksur ta’ artikolu 7(1) tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma’ tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta’ Novembru, 2011 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta’ Novembru, 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-22 ta’ Novembru, 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u

kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma' ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li l-imputat kkopera bis-shih mal-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7(1) tal-Kap 260 u l-Artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Ali Mohammed Hassan hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija u multa ta' hames mitt ewro (€500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------